MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Gunju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Miroslav Gurmeshevikj**
**Passaport Macedonian C0202025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Miroslav Gurmeshevikj** talli nhar l-4 ta' Gunju 2017, u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

1. B'qerq qieghed fic-cirkolazzjoni xi flus falsifikati li ma kienx jaf li huma falsifikati;
   Art 188B (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi minghajr awtorita` legali importa, esporta, ittrasporta, xtara, ircieva, kiseb jew kellu taht il-kustodja jew pussess tieghu flus falsifikati li kien jaf li l-istess ikunu falsifikati;
   Art 188C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi mingħajr awtorità legali ghamel, ircieva, kiseb, uża, jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi karta maħsuba biex tixbah u biex tgħaddi bħala karta speċjali bħal dik provduta u użata għall-għemil ta’ xi biljett tal-flus, jew xi karta speċjali bħal dik imsemmija
   Art 188D (a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, fil-waqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, ai termini tal-Artikolu 188F tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara lil-Qorti taghtu zmien jerga’ jahsibha;

Semghet it-trattazzjoni  dwar il-piena.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni jiddikjara illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghandu japplika l-*proviso* ta’ artikolu 188B.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement ippruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-ammont ta’ mitejn ewro (€200) fi flus kontanti foloz misjuba fuq l-imputat.

Illi ghalhekk, tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti thoss li ghandha timponi fuq l-imputat sentenza ta’ prigunerija sospiza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 18, il-*proviso* tal-artikolu 188B (1), 188C, u 188D (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,  fuq ammissjoni ssib

lill-imputat **Miroslav Gurmeshevikj** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus foloz esebiti bhala Dokument TM 6.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u cioe` x'jigri jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' (4) snin mil-lum.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini tal-artikolu 392A (2) tal-Kodici Kriminali, din is-sentenza, flimkien mal-atti kollha, jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur